MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru. 290/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**JACQUELINE MICALLEF mart Kevin bint John Sultana, imwielda fis-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 1978 u residenti 15, Bini tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 9278(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **JACQUELINE MICALLEF** mart Kevin bint John Sultana, imwielda fis-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 1978 u residenti 15, Bini tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-

identita' numru 9278(G) giet mressqa quddiemha w akkuzata talli fit-tmintax [18] ta' Marzu, 2006 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu fi Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu:-
1. volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

2. talli hebbet kontra il-persuna ta' Kevin Micallef mill-Gharghur, Malta, kif ukoll kontra l-persuna ta' Carmela Camilleri mill-Mosta sabiex tingurjahom, iddejjaqhom jew taghmlilhom hsara.

3. talli minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Kevin Micallef mil-Gharghur kif ukoll il-persuna ta' Carmela Camilleri mill-Mosta f'periklu car, hebbet ghalihom u kkagunatilhom feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika it-Tabib Teddy George Farrugia M.D. mic-Centru tas-Sahha, r-Rabat, Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikoli 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Carmela Camilleri, lil Antonia Saliba u lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Rat l-affidavit ta' Doctor Teddy George Farrugia esibit fl-atti.

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati ghas-sodisfazzjon ta**l-Qorti, w ghalhekk, wara li rat l-artkoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338, 339, 214 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputata JACQUELINE MICALLEF hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------